Appendiċi 1- Għeluq tas- Sena Finanzjarja 2025

1. Preparazzjoni ta' informazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien mal-accountant tal-kunsill, għandu jipprepara wkoll l-informazzjoni li ser tkun intużata mill-Awdituri sabiex tibda l-verifika. Tali dokumenti għandhom jiġu ppreparati sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 27 ta' Frar, 2026.**

1.1. **L-Invoices** kollha sal-31 ta' Diċembru 2025 għandhom ikunu mdaħħlin u kull pagament għandu jkollu rċevuta fiskali mehmuża;

1.2. **Suppliers' Statements** li juru l-bilanċi dovuti mill-Kunsill Lokali fl-aħħar tas-sena. Dawn għandhom jiġu mqabbla mal-bilanċi fil-kontijiet rispettivi. Spjegazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-Awdituri fejn ikun hemm xi varjazzjoni. Fejn il-Kunsill ma għandux dan l-statement, għandha tintalab minn qabel lill-fornitur. Jekk fornitur jonqos milli jippreżenta l-istqarrija meħtieġa, il-Kunsill Lokali ghandu jibgħat email li tinkludi l-bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2025. Il-fornitur għandu jintalab jikkonferma l-bilanċ, u jekk ikun hemm xi nuqqas ta' qbil, għandha ssir verifika ulterjuri.

1.3. **Bank Statements** ta' kull kont bankarju f'isem il-Kumitat Reġjonali/Kunsill Lokali, imqabbla man-Nominal Ledger sal-31 ta' Diċembru 2025;

1.4. **Depreciation Charge** sal-31 ta' Diċembru 2025;

1.5. **Fixed Asset Register** imqabbel man-Nominal Ledger sal-31 ta' Diċembru 2025;

1.6. **Accruals u Prepayments** sal-31 ta' Diċembru 2025, imdaħħlin fin-Nominal Ledger;

1.7. **Stock** fil-31 ta' Diċembru 2025, imdaħħal fin-Nominal Ledger;

1.8. **Trial Balance** fil-31 ta' Diċembru 2025;

1.9. Dettalji dwar l-ammonti miġbura mill-**Local Enforcement System** kif ukoll id-debituri marbuta ma' din is-sistema sal-31 ta' Diċembru 2025;

1.10. Dettalji ta' xi **commitments** kif ukoll ta' **contingencies** li jkunu jeżistu relatati ma' Nfiq Kapitali;

1.11. Lista ta' **Grants** (bħal per eżempju: Urban Improvement Fund, Fondi mill-Unjoni Ewropea u Fondi Speċjali fuq Skemi) li l-Kunsill Reġjonali/Kunsill Lokali rċieva matul is-sena finanzjarja, kif ukoll Schedule li turi trasferimenti għall-Istatement of Comprehensive Income; u

1.12. **Wages reconciliation** sal-31 ta' Diċembru 2025;

1.13. Ittra mingħand l-avukat tal-Kunsill fejn jindika il-kawża jew każijiet kollha li l-Kunsill ikun involut fihom;

1.14. Ittra mingħand il-perit tal-Kunsill li jindika l-proġetti kollha li saru matul is-sena u li ġew ċertifikati waqt li tindika wkoll f'liema stadju waslu dawk il-proġetti li ma jkunux finalizzati għal raġunijiet ta' valutazzjoni. L-istadju għandu jiġi indikat permezz ta' persentaġġ.

2. Azzjoni Meħtieġa

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jaċċerta li l-workings kollha u dokumentazzjoni relatata dwar depreciation, accruals, prepayments, stock valuations u grants ikunu ippreparati tajjeb minn qabel ma jiġu l-Awdituri u dan sa mhux aktar tard **mill-Ġimgħa 27 ta' Frar, 2026** u għall-kopja interna tal-istqarrijiet finanzjarji għandhom jiġu kalkulati ukoll skont Direttiva 1/2017.

2.2. Din is-sena l-awditjar tal-kotba finanzjarji tal-Kunsilli Lokali f'Malta, bl-eċċezzjoni għal Kunsill Lokali ta' Valletta, ħa jsir minn Grant Thornton, filwaqt li għar-Reġjun ta' Għawdex ħa jsir minn RSM. Fil-każ tal-Kunsill Lokali ta' Valletta l-awditjar ħa jsir minn RSM.

2.3. F'każ li jkun hemm dewmien eċċessiv biex jinbeda l-proċess ta' verifika mill-Awdituri jew ma jkunx hemm qbil ma' xi aġġustamenti li jirrakkomandaw l-Awdituri is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma minnufih lid-Diviżjoni biex il-kwistjoni tiġi solvuta mill-aktar fis possibbli.

2.4. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li l-aġġustamenti jiġu approvati mill-Kunsill f'laqgħa msejjħa apposta. L-aġġustamenti maqbula għandhom imbagħad jiġu riflessi fil-kotba tal-Kunsill, bl-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji jerga' jiġi approvat mill-istess Kunsill. Dan il-proċess għandu jingħata importanza u jitħaffef kemm jista' jkun u ma għandux itul iktar minn tliet gimgħat minn meta l-Kunsill ikun irċieva l-aġġustamenti mingħand l-Awdituri tal-Gvern Lokali.

2.5. Aġġustamenti materjali jew ta' natura korrettiva biss u li jkunu pproponew l-Awdituri, jew ġew notifikati lill-istess Awdituri għandhom jitwettqu. L-ebda aġġustament ieħor m'għandu jsir mill-Kunsill Reġjonali jew Lokali wara li dan jissottometti l-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji.

2.6. Jekk ma jkunx hemm aġġustamenti xi jsiru, l-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji xorta għandhom jerġgħu jiġu approvati mill-Kunsill Reġjonali jew Lokali, biex b'hekk id-data indikata fuq l-istqarrijiet finanzjarji kif approvati tkun dik tal-approvazzjoni finali.

2.7. L-istqarrijiet finanzjarji finali, iffirmati u datati mill-ġdid, għandhom minnufih jintbagħtu lill-Awdituri tal-Gvern Lokali sabiex dawn, flimkien mar-Rapport tal-Awdituri tal-Gvern Lokali, jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali.

2.8. Meta l-Kunsill Reġjonali/Kunsill Lokali jwieġeb l-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awdituri, dan għandu jwieġeb punt punt kif imniżżla f'din l-ittra u mhux iwieġeb b'mod ġenerali. Ir-risposta għandha tinkludi sentenza fejn tikkonferma li l-Kunsill Reġjonali/Kunsill Lokali ddiskuta u fehem il-kontenut kollu tal-Ittra ta' Direzzjoni u li ser tittieħed azzjoni kif qed jiġi spjegat fl-istess Risposta. Din ir-Risposta għandha tkun iffirmata kemm mill-President/Sindku u kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv rispettivament.

2.9. L-istqarrijiet finanzjarji flimkien mar-Rapport tal-Awdituri Lokali finali (dak ikollu fuq quddiem it-timbru tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika), l-ittra ta' direzzjoni kif ukoll it-tweġiba tal-Kunsill għall-ittra ta' direzzjoni għandhom jittellgħu fuq is-sit elettroniku.

3. Preparazzjoni tad-dokumenti

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jipprepara dawn id-dokumenti u jieħu l-azzjoni neċessarja sabiex jassigura li l-proċess tal-verifika jkun wieħed effiċjenti:

- L-istqarrijiet finanzjarji jridu jiġu ppreparati skont l-International Financial Reporting Standards (IFRSs) u għandhom jinkludu l-isem ta' min ikun ippreparahom billi titniżżel nota "prepared by ....." fuq il-faċċata ta' quddiem tad-dokument (fuq in-naħa ta' isfel fuq il-lemin);

- Kull Segretarju Eżekuttiv għandu jara illi, hekk kif kien deskritt permezz ta' Direttiva 1/2017 il-Grants li L-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Reġjonali jieħdu mingħand il-Gvern jiġu trattati bil-Capital Approach għall-użu intern. Il-Kunsill għandu jsegwi l-kunċett ta' 'substance over form', speċjalment meta art jew proprjetà tiġi devoluta mid-Dipartiment tal-Artijiet. Tali devoluzzjoni tagħti lill-Kunsill kontroll fuq il-proprjetà tal-Gvern, għalhekk, l-użu tal- 'Capital Approach' huwa l-iktar approċċ raġonevoli f'dan il-każ. L-accountant tal-Kunsill mistenni jagħti rendikont tal-proġetti b'mod ħolistiku filwaqt li jqis kemm in-nefqa kif ukoll il-grants relatati;

- Kull dħul li l-Kunsill Reġjonali jew Kunsill Lokali fadallu jieħu għall-kontravenzjonijiet li nħarġu f'ismu, għandu jiġi inkluż fil-kotba finanzjarji u tittieħed full provision for bad debts għal dawk l-ammonti li huma pendenti għal iktar minn sentejn;

- L-ammont ta' tipping fees li l-Kunsill ikun ħallas lil Wasteserv u d-dħul relatat mall-ġbir ta'skart organiku li l-Kunsill jirċievi mingħand il-Wasteserv għandhom jiġu rrekordjati b'mod sħiħ fil-kotba finanzjarji tal-Kunsill. Ma huwiex permessibli li jsir offsetting bejn iż-żewġt bilanċi fil-kotba finanzjarji.

- L-assi tal-Kunsilli Lokali għandhom jiġu ttrattati skont l-emendi li saru għar-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Finanzi) (L.S. 363.01); u

- L-allokazzjoni finanzjarja għandha tiġi rrekordjata kollha u, jekk ikun hemm xi penali jew charges, għandhom jidhru separati.

Avviż

3.1. Id-Diviżjoni tħeġġeġ għall-koperazzjoni ta' kull min hu involut f'dan il-proċess u mhux se jkun aċċettat li Kunsill Reġjonali jew Lokali ma jissottomettix l-istqarrijiet tagħhom fil-ħin. Id-Dipartiment ser jieħu nota tad-dati kollha ta' sottomissjonijiet, u jsir riferenza għalihom meta ser jiġi kkalkulat il-Performance Bonus tas-Segretarji Eżekuttivi.

3.2. Id-Diviżjoni issegwi l-proċess u dati ta' sottomissjonijiet fil-qrib, flimkien mal-NAO, fejn jintolbu "progress report" frekwenti u b'hekk tkun infurmata b'kwalunkwe diffikultà li jkunu qegħdin jiltaqgħu magħhom l-Awdituri.